**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 908/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elliott Magro)**

**-Vs-**

**DAVID GALEA**

**Illum, 18 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DAVID GALEA** detentur tal-karta tal-identita' numru 219880M imwieled San Ġiljan, nhar il-15 ta' April 1980, iben Carmelo u Mary nee' Vella, u residenti fil-fond 'Desert Rose F/H' Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Naxxar, li ġie akkużat talli nhar fit-2 ta' Novembru 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ġiegħelt annimal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Art. 8(2) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkosanzi, żammejt jew qbilt li żżomm annimali mingħajr ma kont responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Art. 8(3) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta ;

3. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma ħadtx dawk il-passi ragonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tizgura li l-ħtiġijiet ta' annimali li kont responsabbli għalih, jew qbilt li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi zgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Art. 8(4) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż magħmula mis-servizzi veterinarji bħala riżultat ta' dak ir-reat, u dan skont l-Art. 58(1) tal-Kap 437 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi d-difiża eċċepiet b'mod preliminari in-nullita' taċ-ċitazzjoni għaliex ma ġewx osservati r-rekwiżiti tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Dan l-artikolu jistipola x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni:-

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b' mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Mis-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni l-Qorti fehmet illi l-preġudizzjali tad-difiża hija msejsa fuq il-fatt illi ċ-ċitazzjoni ma fihiex indikazzjoni biżżejjed tal-fatti biex l-imputat ikun jaf għal x'hiex ried jirrispondi quddiem dik il-Qorti u għalhekk, ma setax jipprepara u jiddefendi ruħu.

Il-Qorti taqbel illi jeħtieġ li l-imputat ikollu informazzjoni biżżejjed minn qabel biex ikun jaf b'xiex inhu mixli biex b'hekk jitla' l-Qorti preparat għall-kawża tiegħu u li għalhekk, iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha fil-qosor il-fatti tal-akkuża u l-partikolarijiet l-oħra msemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kap. 9. Iżda dawn il-fatti u partikolaritajiet m'humiex meħtieġa b'mod essenzjali, għaliex l-iskop u l-karattru fondamentali taċ-ċitazzjoni huwa essenzjalment ta' ordni mogħtija mill-Pulizija lill-imħarrek, meta ma jkunx hemm lok li huwa jittieħed il-Qorti taħt arrest, sabiex huwa jidher quddiem il-Qorti f'data u ħin mogħtija lilu, liema ordnni għandu jkun fiha tagħrif bażiku biex qabel jitla' l-Qorti l-imħarrek ikun jista' jipprepara għad-difiża tiegħu. Għaldaqstant, ma jistgħux jitqajmu u jintlaqgħu oġġezzjonijiet għal difetti fil-forma jew fis-sustanza tal-avviż.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru 2019 fil-kawża **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi**, intqal hekk fir-rigward:-

"*... Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa reasonable information as to the nature of the charge. Reasonable trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, ergo fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie decieved or misled allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, variance bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża.*

Dan il-ħsieb kien diġa' affermat f'sentenza oħra riċenti mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et**[1], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet riteniet:-

*"Illi hawnhekk huwa tajjeb li wiehed jara x' inhi n-natura, funzjoni, sinjifikat u l-effetti legali tac-citazzjoni. Ic-citazzjoni hi sempliċement 'avviso a comparire', u cioe' ordni sabiex l-imputati jidhru quddiem il-Qorti, u biex ikunu jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Tajjeb li wiehed jaccenna ghall-fatt li kemm il-ligi u kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista' jkun, ikunu prattici fl-applikazzjoni tal-artiklu sucitat u ma riedux jintilfu fuq kwistjonijiet, formalizmi u problem teknici u procedurali, a skapitu li ssir gustizzja. Ghal dan il-ghan tajjeb li wiehed jirrimarka li fis-sistema procedurali Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq ix-xhieda viva voce, fil-prezenza tal-imputati, u mhux konfinat, ristrett u cirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita' tal-proċess kondott viva voce fil-prezenza tal-imputati u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti. Dan il-principju gie ribadit f' diversi sentenzi fejn inghad li c-citazzjoni m' hemmx ghalfejn issir skont xi formula sagramentali bil-precizjoni kollha."*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 t'April 2018.

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tan-nullita' taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas ta' osservanza ta' xi rekwizit tal-artikolu 360(2) tal-Kap. 9, m'hijiex tajba u sejra tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ huwa wieħed ta' allegat moħqrija ta' annimali kif maħsub fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta).

Id-drittijiet tutelati mill-provvedimenti tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti promulgati bis-saħħa tal-Att relattiv, jeħtieġu li d-drittijiet tal-annimali jigu rispettati u li l-bniedem li jżomm l-annimali mingħajr ma jassigura li dawn id-drittijiet jigu mħarsa, għandu jkun soġġett għall-konsegwenzi legali ta' natura kriminali.

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ċioe' li ġiegħel annimal, ossia kelb, isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Dan huwa r-reat ta' moħqrija tal-annimali.

Il-moħqrija, fir-rigward ta' annimal, hija definita fl-artikolu 2 tal-Att u tfisser li "*ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*".

Qed jiġi mixli wkoll bil-ksur tas-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439 li jiddisponi:-

*Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta'*

*ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

Mill-fatti li joħorġu mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, jirriżulta illi għall-ħabta tal-5.00 a.m fit-2 ta' Novembru 2022, fil-maqjel tal-Biċċerija, instabet bhima, ossia nagħġa, fost dawk li kienu qed jistennew biex jidħlu għall-qatla, li kienet mimduda fuq ġenbha u bilkemm kienet qiegħda tiċċaqlaq u ma kienetx f'sensiha. Meta ġiet eżaminata biex jiġi determinat jekk kienetx f'qagħda li tinqatel jew titraqqad, irriżulta li n-nagħġa kellha temperatura baxxa ħafna u kienet kiesħa silġ, qalbha kienet qed tħabbat bil-mod ħafna u kienet miksija kollha b'demel frisk. Meta ntrefgħet, ma felħitx toqgħod fuq saqajha u lanqas felħet tgħolli rasha. Minħabba f'hekk ittieħdet id-deċiżjoni li l-annimal kellu jinqatel fuq il-post għaliex ma kienx tajjeb għall-konsum uman u wkoll biex jinħeles mit-tbatija[2]. Madankollu, in-nagħġa ma kienetx tidher li kienet magħluba jew li kienet nieqsa mill-ikel jew mix-xorb, u lanqas kellha xi feriti fuq ġisimha u l-kawża tal-mewt baqgħet ma ġietx stabbilita.

Din in-nagħġa kienet reġistrata f'isem l-imputat David Galea bħala l-proprjetarju, filwaqt li t-trasportatur li ġarr il-bhima mir-razzett tal-imputat sal-biċċerija għall-qatla, kien ċertu Frankie Azzopardi. Jirriżulta wkoll illi l-imputat kien biegħ din in-nagħġa flimkien ma' żewġ nagħġiet oħra, lil ċertu Josef Gatt. Huwa stabbilit ukoll mix-xhieda illi t-trasportaturi ma jistgħux iħottu l-annimali mill-vettura qabel is-2.00 a.m. jew it-3.00 a.m. meta jinfetħu l-bibien tal-biċċerija, u huwa eskluż mill-provi illi l-persuna li ħattiet l-annimal u daħħalha fil-biċċerija huwa l-imputat David Galea.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li n-nagħġa in kwistjoni ma kienetx fi stat tajjeb biex tiġi trasportata fuq vettura lejn il-biċċerija, u l-ġarr tagħha f'dan l-istat ikkaġunalha ssofri tbatija u dwejjaq bla bżonn u jammonta għal trattament mhux xieraq tal-annimal.

---

[2] Ara xhieda ta' Dr. Maryanne Sciberras u Dr. Sara Boccuni.

Dan hu miċħud mid-difiża li tisħaq illi n-nagħġa kienet fi stat tajjeb ta' saħħa sakemm kienet fil-kustodja tal-imputat.

David Galea, l-imputat, xehed illi t-tliet nagħġiet li kien biegħ lil Josef Gatt u li ġabarhom dakinhar, kienu qawwijin u sħaħ u baqa' sejjer bihom għall-qatla. Hu ma ra xejn ħażin fin-nagħġa. Ħarġet mir-razzett fil-11.30pm jew f'nofsillejl fl-1 ta' Novembru 2022 u kienet fuq saqajha meta tgħabbiet fil-vettura u ma kienx hemm bżonn li jagħmel użu mis-servizz li jipprovdi d-Direttorat biex jibagħtu veterinarju biex joqtlu l-annimal fuq il-post.

Dan ġie konfermat minn Josef Gatt innifsu, li huwa wkoll impjegat tal-biċċerija u jieħu ħsieb ukoll il-qatliet li jsiru b'emerġenza. Huwa xehed illi kien xtara n-nagħġa in kwistjoni flimkien ma' żewġ nagħġiet oħrajn mingħand l-imputat għall-qatla, kien preżenti meta n-nagħġa ħarġet mir-razzett tal-imputat u tgħabbiet għal fuq il-vann, u kien preżenti wkoll matul il-vjaġġ mir-razzett sal-biċċerija. Kien ġabar in-nagħġiet u ħariġhom mir-razzett tal-imputat għall-ħabta tal-11.30 p.m. Insista illi meta kienet għadha fir-razzett in-nagħġa kienet normali, u ħarġuha mir-razzett u għabbewha fil-vann qawwija u sħiħa. Matul il-vjaġġ, kienu waqfu xi erba' jew ħames darbiet biex jgħabbu annimali oħrajn mingħand terzi persuni u għalhekk kien hemm ħafna annimali fil-vann meta waslu l-biċċerija. Waslu quddiem il-bieb tal-biċċerija fis-1.30 a.m. u dak il-ħin huwa ra li n-nagħġa kienet rieqda normali, imdawra b'annimali oħrajn, kienet ħajja u kienet qed tieħu n-nifs u ma kellhiex ħafna ħmieġ fuqha iktar min-normal. Josef Gatt fisser illi l-annimali ta' spiss jorqdu fil-vann matul il-vjaġġ u ċaħad li l-annimali l-oħrajn bdew jirfsu fuq in-nagħġa u qatt ma raha tintrifes minn annimali oħrajn. Xehed ukoll illi l-vann baqa' jistenna xi siegħa quddiem il-bieb tal-biċċerija sakemm jiftħu l-bibien, u kien il-lavrant tiegħu li beda jħott l-annimali mill-vann u li daħħal in-nagħġa in kwistjoni fil-maqjel. Hu ma kienx preżenti meta n-nagħġa inħattet minn ġol-vann iżda wara, il-lavrant qallu li ma kienetx qamet.

Ikkunsidrat;

Huwa prinċipju bażiku enunċjat fil-preambolu 11 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, liema Regolament jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, illi l-annimali m'għandhomx jiġu trasportati b'mod li jista' jikkawwża uġiegħ u tbatija żejda għalihom. Ġie enunċjat ukoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti disposizzjonijiet dettaljati li jindirizzaw il-bżonnijiet speċifiċi tal-annimali li jivverifikaw ruħhom fit-tipi varji ta' trasport.

Fil-fatt, l-artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 91/628/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul il-ġarr[3], jiddisponi illi l-ebda annimal m'għandu jkun ittrasportat sakemm ma jkunx b'saħħtu biżżejjed għall-vjaġġ maħsub u sakemm ma jkunux saru provvedimenti addattati għall-kura tiegħu matul il-vjaġġ u mal-wasla fil-post tad-destinazzjoni. Jiddisponi wkoll illi l-annimali li jkunu morda jew imweġġgħin m'għandhomx jitqiesu li jkunu b'saħħithom biżżejjed għat-trasport.

Il-Qorti taqbel illi l-ġarr ta' kwalsiasi annimal għall-iskop li għalih sar il-ġarr fil-każ odjern, ċioe' għal skop kummerċjali, messu sar u seta' jsir biss jekk ma kien hemm ebda tbatija bla ħtieġa u trattament ħażin mogħti lill-annimali involuti.

Tibda biex tosserva illi l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni għaliex ma jirriżultax illi l-addebitu jikkostitwixxi reat kriminali jew ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Att dwar il-Ħarsien Xieraq tal-Annimali (Kap. 439). L-imputat ġie mixli li żamm jew qabel li jżomm annimal mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom. Il-Qorti fehmet illi din l-imputazzjoni ġiet imfassla fuq il-kliem tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 439 li jiddisponi:-

*Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*

[3] Ir-regolament 1(3) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Annimali matul il-Ġarr (L.S 439.10) – illum imħassar iżda kien għadu fis-seħħ fil-1 u 2 ta' Novembru 2022 - jipprovdi illi l-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea91/628/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul il-ġarr.

Iżda fil-fehma tagħha, din id-dispożizzjoni legali ma toħloq ebda reat iżda hija biss dikjaratorja tal-konsegwenzi legali li jirradika l-istat ta' fatt konsistenti fiż-żamma ta' annimal, fejn iż-żamma ta' annimal tnissel obbligu ossia responsabbilita' legali li jieħu ħsieb it-trattament xieraq tal-annimal.

Dan il-ħsieb jinftiehem iktar fil-verżjoni Ingliża tal-istess artikolu 8(3):

"*Any person who keeps any animal or who agrees to look after an animal shall be responsible for its health and welfare.*"

Huma mbagħad id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 8 fost dispożizzjonijiet oħrajn tal-Att, illi jistipolaw u jfissru l-obbligu legali tat-trattament xieraq tal-annimal li dwaru hu responsabbli kull min iżomm jew jaqbel li jżomm annimal. Għaldaqstant billi ma taddebita l-ebda ksur ta' obbligu legali li jġib xi ħtija kriminali, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi r-reati addebitati lill-imputat fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet ma jeħtiġux prova li l-persuna li tkun ġieghlet l-annimal isofri tbatija, disperament jew dwejjaq, jew li ma tkunx ħadet il-passi neċessarji biex tiżgura s-saħħa u l-benesseri tal-annimal, tkun neċessarjament is-sid tal-annimal. L-artikolu 8 tal-Kap. 439 jixħet l-obbligu għall-ħarsien tal-annimal u għat-trattament xieraq tiegħu fuq il-persuna li "*hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb*" l-annimal, fuq "*kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu*", kif ukoll fuq kull persuna b'mod ġenerali biex jiġi assigurat illi "*l-ebda annimal ma ... jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn ...*"

Il-Qorti tqis illi biex tinstab ħtija fl-imputat għall-ewwel imputazzjoni taħt l-artikolu 8(2) tal-Kap. 439, irid jintwera li huwa kien tabilħaqq il-persuna li ġiegħlet lill-annimal isofri dwejjaq, uġigħ jew tbatija bla bżonn.

Imbagħad, biex jinstab ħati għar-reat taħt l-artikolu 8(4) tal-Kap. 439, addebitat fit-tielet imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova li l-imputat, għad illi kien is-sid reġistrat tal-annimal, kien il-persuna responsabbli skont il-liġi sabiex tiżgura li jittieħdu l-passi raġjonevoli biex il-ħtiġiet tal-annimal jintlaħqu u biex tiżgura s-saħħa u l-benesseri tal-annimal.  Dan qed jingħad għaliex persuna titqies li hija responsabbli għat-trattament xieraq tal-annimal meta żżomm jew taqbel li żżomm annimal u dan skont il-prinċipju enunċjat mill-artikolu 8(2) tal-Kap. 439.

Għalhekk, il-fatt li l-persuna mħarrka tkun is-sid tal-annimal ma huwiex determinanti għall-ħtija la għar-reat ta' moħqrija tal-annimali u lanqas għall-ksur tal-obbligu tat-trattrament xieraq tal-annimali.   Għaldaqstant, huwa immaterjali l-fatt illi n-nagħġa in diżamina baqgħet ma ġietx reġistrata formalment f'isem Josef Gatt u baqgħet tgħajjat lill-imputat sakemm inqatlet fil-biċċerija.

Dan premess, hija l-fehma tal-Qorti illi meta l-imputat ikkonsenja fiżikament in-nagħġa lill-persuna li xtratu (Josef Gatt) u lit-trasportatur, biex din tingarr sal-biċċerija għall-qatla, ma jistax jitqies bħala persuna li żamm jew li qabel li jżomm l-annimal għaliex din għaddiet fil-pussess ta' terz jew terzi li kienu huma li aċċettaw minn dak il-waqt 'il quddiem, li jżommu dak l-annimal waqt it-traġitt mir-razzett sal-biċċerija. Konsegwentement, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 8(4) tal-Kap. 439 jekk jirriżulta illi ma ttieħdux il-passi raġjonevolment meħtieġa biex jiġi żgurat is-saħħa u l-benessere tan-nagħġa **wara** li terzi persuni aċċettaw li jżommu n-nagħġa u din ġiet trasferita fil-kustodja tagħhom.

Illi għalhekk, biex l-imputat, il-proprjetarju reġistrat tal-annimal, jista' jinsab ħati tar-reati taħt l-artikolu 8(2) u l-artikolu 8(4) tal-Kap. 439, irid jiġi ppruvat fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li meta ħarġet mir-razzett tiegħu, in-nagħġa

kienet diġa' marida u fl-istat batut li nsabet fih ġewwa l-maqjel fil-biċċerija u minkejja dan huwa bagħatha biex titgħabba u aċċetta li titgħabba fil-vettura tal-ġarr f'dik il-qagħda, għall-vjaġġ bejn ir-razzett u l-biċċerija, bix-xjenza illi f'dik il-qagħha kienet serja ssofri tbatija, uġigħ jew dwejjaq.

Dan qed jingħad għaliex jekk mill-provi jiġi stabbilit fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, illi n-nagħġa in kwistjoni ġiet konsenjata mill-imputat biex tinġarr lejn il-biċċerija fuq vjaġġ ta' diversi sigħat, meta kienet diġa' fil-kundizzjoni li nsabet fiha fil-maqjel tal-biċċerija għall-5.00 a.m. minn Dr. Maryanne Sciberras, dan ikun ifisser:-

- iżjed tbatija għall-annimal u l-imputat ikollu jinsab ħati li jkun ġiegħel lill-annimal isofri dwejjaq u tbatija ai termini tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 439. Fil-fatt, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.10, fir-regolament 3(1)(b), kienet tipprovdi illi l-ebda annimal m'għandu jinġarr sakemm ma jkunx f'saħħtu għall-vjaġġ li għandu jagħmel u sakemm ma jkunux saru disposizzjonijiet adatti għall-ħarsien tiegħu matul il-vjaġġ u mal-wasla tiegħu fil-post destinatarju, u wkoll, annimali li jkunu morda jew feruti m'għandhomx ikunu kunsidrati tajba għat-trasport; u

- illi l-imputat, li ma jkunx għamel l-arranġamenti meħtieġa għall-qatla tal-annimal fuq il-post jew għat-trasport ta' annimal marid, skont kif maħsub fl-artiklu 14(1) tal-Kap. 439 jew taħt ir-regolament 3(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.10 li kienet għadha fis-seħħ fiż-żmien tar-reati addebitati lill-imputat odjern (imħassra b'effett tal-Avviż Legali 143 tal-2023), ikun ħati wkoll tar-reat taħt l-artikolu 8(4) tal-Kap. 439 talli naqas milli jieħu l-passi raġjonevoli biex jiżgura li s-saħħa u l-benesseri tan-nagħġa f'kull ċirkostanza.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat il-filmati esebiti minn Dr. Maryanne Sciberras u li xehdet dwarhom Dr. Sara Boccuni (USB Dok. MS2) u osservat illi fl-4:22:40hrs u fis-sekondi ta' wara[4], tidher persuna tiġbed nagħġa għal ġewwa wieħed mill-gabjetti fil-maqjel, liema nagħġa ma kienetx mitluqa jew mitlufa minn sensiha u lanqas kienet kważi mejta. Din in-nagħġa, għalkemm ma tidhirx li kienet fuq ruħha daqs in-nagħġiet l-oħra li kienu ddaħħlu fil-maqjel minnufih qabel, u kellha bżonn tiġi imbottata għaliex jidher li kienet qed tirreżisti biex tiddaħħal fil-gabjetta, kienet fuq saqajha u jidher li kienet kapaċi timxi. Indubbjament, din in-nagħġa kienet 'il bogħod mill-istat li fih insabet minn Dr. Maryanne Sciberras siegħa wara. Wieħed irid iżomm ferm ukoll il-fatt illi skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Josef Gatt, mhux kontradetta, il-vann kien wasal quddiem il-biċċerija fis-1.30 a.m. u kellhom jistennew sakemm jinfetħu l-bibien biex jinħattu l-annimali, liema bibien mill-provi jirriżulta li jifetħu fis-2.00 a.m. jew 3.00 a.m. Kif rajna, il-filmati esebiti mill-Prosekuzzjoni juru li n-nagħġa iddaħħlet fil-maqjel fl-4:22 a.m. li jfisser illi sakemm il-bhima inħarġet mill-vann u ttieħdet fil-maqjel kienu għaddew kważi tliet sigħat minn meta l-vann kien wasal quddiem il-biċċerija. Dan hu ħin konsiderevoli u l-Qorti ma tħossx li tista' twarrab il-verżjoni ta' Josef Gatt illi meta kien raha l-aħħar, meta l-vann kien wasal il-biċċerija fis-1.30 a.m., in-nagħġa ma kienetx fi stat ħażin u kienet rieqda normali. Wisq inqas tista' tqis bħala inverosimili jew mhux raġjonevolment verosimili ix-xhieda tal-istess Josef Gatt u x-xhieda tal-imputat innifsu, illi meta ħarġet mir-razzett tal-imputat ben ħames sigħat qabel, din in-nagħġa kienet qawwija u sħiħa.

Barra dan il-fatt illi Dr. Maryanne Sciberras xehdet illi n-nagħġa kienet mimlija demel frisk: fatt li għall-Qorti jimmilita kontra l-ipotesi li n-nagħġa kienet diġa' miksija b'dan l-istess ħmieġ ħames sigħat qabel, għaliex f'ħames sigħat il-ħmieġ żgur ma kienx jibqa' daqshekk frisk. Għalkemm fil-filmat in-nagħġa tidher maħmuġa iktar min-nagħġiet l-oħrajn li ddaħħlu fil-maqjel, xejn ma jeskludi li spiċċat f'dan l-istat matul il-vjaġġ u li ma kienetx f'din il-kundizzjoni meta kienet qed tinżamm mill-

[4] NVR-2_ch117_main_20221102060105_20221102070055 at 5:22:40 (4:22) – Dr Sara Boccuni

imputat fir-razzett tiegħu.  L-unika prova tal-kundizzjoni tan-nagħġa li tixħet dawl fuq l-istat ta' din il-bhima meta kienet għadha fir-razzett tal-imputat sakemm tgħabbiet fil-vann li fih ġiet trasportata sal-biċċerija, tikkonsisti fix-xhieda tal-imputat innifsu u x-xhieda ta' Josef Gatt liema xhieda ġietx kuntrastata bi provi kuntrarji.

Ma hemm xejn lanqas fl-atti u fil-provi proċesswali li jeskludi, raġjonevolment, il-verżjoni tal-imputat u Josef Gatt illi meta n-nagħġa ħarġet mir-razzett u tgħabbiet fil-vann tat-trasportatur, ma kienetx marida, magħdura jew fi stat li jagħti x'jifhem li l-vjaġġ tal-ġarr kien ser jikkaġunalha dwejjaq jew tbatija.  Fil-fatt, kollox jindika illi l-kundizzjoni tan-nagħġa bdiet tiddeterjora f'xi ħin **wara** li ħarġet mir-razzett tal-imputat u kwindi matul il-ġarr tagħha fuq il-vann u kompliet tiddeterjora iktar bejn x'ħin iddaħħlet fil-maqjel fl-4:20 a.m. u ġiet eżaminata minn Dr. Maryanne Sciberras għal-ħabta tal-5.15 a.m[5]. **Ġarr li b'kollox dam ħames sigħat sħaħ bejn ir-razzett tal-imputat u l-sakemm inħattet fil-maqjel**.

Il-Qorti, biex tista' ssib ħtija għar-reati addebitat lill-imputat, trid ikollha quddiemha provi konkreti u konklussivi li jinstawraw fiha konvinċiment morali li l-imputat bagħat nagħġa marida u magħdura fuq vjaġġ ta' ħames sigħat ġewwa vann minflok ħa ħsieb jagħtha l-kura meħtieġa u jipproteġiha kontra tbatija, korriment u mard, u b'dan l-għemil tiegħu ġiegħlha ssofri tbatija u dwejjaq bla bżonn.

Iżda dan il-livell ta' prova ma ntlaħqitx f'dan il-każ mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti tqis ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reati taħt l-artikolu 8(2) u (4) tal-Kap. 439 mingħajr ma tirkorri għal spekolazzjoni u konġetturi li madankollu ma għandhomx post fid-determinazzjoni ta' ħtija kriminali.

Hawnhekk il-Qorti tissenjala illi Dr. Maryanne Sciberras, filwaqt li eskludiet illi l-bhima tħammġet b'dak il-mod fil-maqjel, għaliex il-maqjel kien nadif u ma kienx fih demel, ma setgħetx teskludi illi l-bhima kienet mimlija ħmieġ għaliex kienet waqgħet

[5] Ara Ante-Mortem Inspection Form paġna 6 minn 7.

fil-ħmieġ u ma setgħetx tikkonferma lanqas jekk kienet tinsab f'dan l-istat għaliex annimali oħrajn kienu ħammġu fuqha.  Fil-fatt, ma nġiebet ebda prova mill-Prosekuzzjoni dwar l-istat li kienet fih il-vettura li ntużat għat-trasport tan-nagħġa biex jintwera illi n-nagħġa kienet miżmuma ħażin u mimlija demel meta kienet għand l-imputat u biex tiġi eskluża l-ipotesi li n-nagħġa setgħet tħammġet ġewwa l-vettura.

Billi għalhekk il-Qorti riskontrat dubju raġjonevoli li l-imputat b'xi għemil jew ommissjoni, ġiegħel lill-annimal in diżamina jsofri tbatija, uġigħ jew dwejjaq bla bżonn, u jeżisti wkoll dubju dettat mir-raġuni illi sakemm kien qed iżomm in-nagħġa u qabel ikkonsenjaha fil-pussess ta' terzi li aċċettaw li jieħdu ħsiebha, huwa naqas milli jieħu l-passi raġjonevolment meħtieġa biex jiżgura s-saħħa u l-benessere tagħha u jipproteġiha kontra l-uġigħ, korriment u tbatija, ma jistax jinsab ħati tal-ewwel u lanqas tat-tielet imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lil DAVID GALEA ħati la tal-ewwel u lanqas tat-tielet imputazzjonijiet dwar ir-reati taħt l-artikolu 8(2) u (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**